MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 80

8 ta' Awwissu 2017

Minuti tas-seduta Nru. 80 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar t-8 ta' Awwissu 2017 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tas-seduta Nru. 79 tad-19 ta' Lulju 2017, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li l-minuti kif approvati għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://lc.gov.mt/Page.aspx?catid=25&pid=227

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Tħejjijiet għall-Jum il-Kunsill u l-Iljieli Melleħin 2017
**(A/5/3/1/Vol XVI)(A/5/3/5/Vol V)**

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 9.1. tas-seduta ta' qabel u qal li jixtieq juri l-apprezzament tiegħu għas-sehem tal-Kunsilliera A. Brincat Stellini u l-Viċi Sindku D. Vella għall-kordinazzjoni taż-żewġ attivitajiet imsemmija, li tmexxew b'mod tajjeb, minkejja li kellhom ftit żmien biex iħejju għalihom. Is-Sur J. Buttigieg ikkummenta wkoll li s-servizz ta' *park-and-ride* li ngħata fl-Iljieli Melleħin serva tajjeb biex elimina l-inkonvenjenzi li setgħu ġew ikkawżati bl-għeluq tat-toroq ewlenin li affettwa wkoll is-servizz tal-karozzi tal-linja.

2.1.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini stqarret li tixtieq turi l-apprezzament tagħha għall-appoġġ li kellha mis-Segretarjat tal-Kunsill, kif ukoll mill-ħaddiema tad-District Operations Ltd. Hija rringrazzjat ukoll lis-Sindku għall-kordinazzjoni tal-arranġamenti tat-traffiku, li mxew tajjeb ħafna.

2.1.4. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-preżenza ta' vann li ddaħħal f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Huwa appella sabiex ikun hemm konsistenza f'dan ir-rigward, billi ma jitħallewx jidħlu vetturi f'dan il-post. Is-Sindku wieġeb li seta nstablu post ieħor 'il barra mill-istess misraħ, jew f'Misraħ il-Parroċċa, peress li t-tip ta' prodott li kien qiegħed ibigħ kien jirrikjedi l-użu ta' vann.

2.1.5. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini resqet rendikont dettaljat tad-dħul u l-ispejjeż li kien hemm fir-rigward taż-żewġ avveniment, li t-totali tagħhom kien kif ġej:

| | **Nefqa** | **Dħul** | **Nefqa Netta** |
|---|---|---|---|
| **Jum il-Kunsill** | €5,516 | € 0 | €5,516 |
| **Iljieli Melleħin** | €21,249 | €5,750 | €15,499 |

2.1.6. Is-Sinjura Brincat Stellini appellat sabiex tintbagħat nota ta' ringrazzjament lill-operatur ta' Square Bar, li ġentilment offra xarbiet lill-parteċipanti u lill-ħaddiema tal-Kunsill waqt l-attivitajiet li kienu għaddejjin f'Misraħ il-Parroċċa tul it-tliet ijiem tal-Iljieli Melleħin.

2.1.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, kif ukoll laqa' il-proposta mressqa fil-minuta 2.1.5.

## 2.2.1. Servizz ta' Ġbir ta' Skart Domestiku (K/6/2/Vol V)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 13.1. tas-seduta preċedenti dwar il-kwalità tas-servizz mogħti mill-kuntrattur konċernat. Huwa qal li dan qed ikollu jirrikorri għas-*sub-contracting*, peress li għandu xufier nieqes mit-tlieta li suppost hemm.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.3.1. Kompetizzjoni tas-*snooker* organizzata mill-Kunsill (S/4/2/Vol III)

2.3.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 13.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li wara l-finali tal-kompetizzjoni tas-*snooker* li saret fl-20 ta' Lulju 2017 fiċ-Ċentru Laburista tal-Mellieħa, ir-riżultati kienu kif ġej:

| | |
|---|---|
| Rebbieħ Individwali | Robert Mangion |
| Tieni Post Individwali | Neil Chetcuti |

| | |
|---|---|
| Rebbieħa Koppji | Robert Mangion / Christian Buttigieg |
| Tieni Post Koppji | Natalino Debono / Edward Deguara |

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta'Karti

- *Purchase Request Form* – 04/08/17;
- Skeda ta' Xiri permess tal-*Petty Cash* – 07/07/17 – 31/07/17;
- Skeda ta' Pagamenti – 18/07/17 – 04/08/17;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;
- Abbozz tal-*Bye-Laws* dwar Tisjir fil-Beraħ – Abbozz approvat mill-Ministru – 17/07/17

## 4.0. Korrispondenza

## 4.1.1. Proposti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (K/6/2/Vol V)

4.1.2. Saret referenza għal ċirkulari datata 31 ta' Lulju 2017, mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, fejn ġie mgħoddi dokument bi proposti dwar il-ġbir u l-immaniġġjar tal-

iskart fil-lokalitajiet. Il-Kunsilli Lokali ntalbu sabiex sal-25 ta' Awwissu 2017 jgħaddu l-kummenti u proposti oħra li jista' għandhom biex id-dokument aħħari jitressaq lil Gvern.

4.1.3. Il-punti segwenti tqajmu għad-diskussjoni:

(a) Ħtieġa li fejn ikun hemm kumplessi residenzjali jkun hemm *shoots,* jew kmamar fejn jinżamm l-iskart sakemm jinġabar;

(b) Infurzar ta' ġbir tal-iskart minn stabbilimenti kummerċjali;

(c) Ġbir ta' skart minn postijiet ta' rikrejazzjoni – eż iż-żoni tal-*boathouses* u l-*camping areas*;

(d) Kemm-il darba l-ġbir tal-iskart ikun inqas frekwenti, għandu jkun hemm servizz ta' emerġenza biex l-iskart ma jdumx diversi ġranet fit-triq; u

(e) Jekk isiru l-hubs proposti fil-*policy paper*, dawn iridu jkunu mgħassa għaliex jispiċċaw isiru miżbliet.

4.1.4. Dwar il-punt (d), il-Kunsill kien tal-fehma li meta wieħed iqis il-klima ta' Malta, il-ġbir tal-iskart m'għandux ikun anqas frekwenti minn kif inhu attwalment. Ġie osservat li l-Kunsill kien kostrett li jipprovdi s-servizz tal-ġbir tal-borża s-sewda anke fil-Ħdud, fiż-żoni fejn jeżistu residenzi ta' vileġġjatura, għaliex kien qed jirriżulta li dawn iż-żoni, fejn ikun hemm residenti ġejjin minn barra il-lokalità, il-borża s-sewda tinħareġ is-Sibt, jew il-Ħadd filgħaxija.

4.1.5. Il-Kunsillier J. Azzopardi ppropona li taħt kuntratt ġdid għandhom jinħolqu żewġ żoni bi frekwenzi tal-ġbir differenti biex jilqgħu għall-esiġenzi msemmija fil-minuta 4.1.4., aktar 'il fuq.

4.1.6. Il-Kunsill qabel li l-proposti mressqa għandhom jiġu mgħoddija lill-Assoċjazzjoni.

### 4.2.1. Proposti dwar l-Imwejjed u Siġġijiet quddiem Bars u Ristoranti

**(T/4/10/Vol II)**

4.2.2. Saret referenza għal ċirkulari datata 27 ta' Lulju 2017, mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, fejn ġie mgħoddi dokument bi proposti dwar is-suġġett t'hawn fuq. L-Assoċjazzjoni talbet lill-Kunsill Lokali jgħaddulha l-proposti li jista' għandhom sal-25 ta' Awwissu 2017.

4.2.3. Inġibdet l-attenzjoni li eżerċizzju simili kien sar mill-Awtorità tal-Ippjanar, meta l-Kunsill kien għadda l-proposti segwenti:

(a) Il-Kunsilli Lokali li fil-konfini tagħhom jintalbu dawn il-konċessjonijiet għandhom jiġu kkonsultati fuq kwalunkwe deċiżjoni li tkun ser tittieħed u dan billi l-Kunsill Lokali konċernat ikollu membru fuq il-bord li jittratta l-applikazzjoni. B'dan il-mod jiġi żgurat li l-Kunsill Lokali jkun parteċipi fid-deċiżjoni li tittieħed għaliex jinsab f'pożizzjoni aħjar biex jevalwa l-konsegwenzi li jistgħu jikkawżaw tali permessi. Il-Kunsill għandu wkoll jirċievi persentaġġ mir-rati mħallsa lill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu u lid-Dipartiment tal-Artijiet;

(b) Il-permess jingħata għal perjodu ta' sena, li jibqa' jiġġedded kull sena sakemm ma jkunx hemm xi raġuni valida li dan jiġi rtirat;

(c) Jiġi żgurat li l-konfini laterali ta' tali konċessjonijiet ma jaqbżux l-wisgħa tal-faċċata tal-istabbiliment li lilu tingħata l-konċessjoni;

(d) Għandu jiġi żgurat li l-bankini u passaġġi pedonali jitħallew kompletament ħielsa minn kull ostaklu għal użu pubbliku;

(e) Kwalunkwe struttura li ssir biex tilqa' għall-elementi naturali għandha tkun konformi mar-regoli tal-Awtorita` għas-Saħħa u s-Sigurta`, iżda bl-ebda mod ma għandhom jiġu permessi strutturi permanenti, jiġifieri fissi. Għandha tinżamm uniformita` bejn

stabbiliment u ieħor, fit-tip ta' strutturi li jsiru, f'każ li dawn ikunu fl-istess area. L-aspett estetiku għandu jingħata l-importanza meħtieġa;

(f) Għandu jiġi żgurat li ma jingħata l-ebda permess għal tisjir fl-area ta' konċessjoni, iżda jiġu kunsidrati biss *waiter stations* u *display units* mobbli;

(g) Fejn bl-għoti ta' konċessjoni jkun se jintilef xi parkeġġ, l-Awtorità tal-Ippjanar għandha titlob ħlas bħala kumpens, simili għal dak tal-*Community Parking Scheme* u tal-*Planning Gain,* fil-każ ta' proġetti kbar;

(h) F'każ li t-talbiet ikunu jinvolvu *playing fields*, ġonna pubbliċi, skalli eċċ, l-għamara li titqiegħed m'għandhiex ittellef l-użu ta' l-istess faċilitajiet;

(i) Meta t-talba tkun tinvolvi art fuq in-naħa opposta tal-istabbiliment bi triq pubblika fin-nofs, għandu jinġieb il-kunsens tal-Kunsill Lokali, flimkien ma' dak ta'Transport Malta;

(j) Billi l-parti l-kbira ta' dawn il-permessi jinvolvu pjazzez, fejn jiżvolġu attivitajiet popolari ta' ċerta portata (eż festi reliġjużi), huwa importanti li l-areas allokati jiġu modifikati mill-Kunsill flimkien mal-Pulizija, skont il-ħtieġa li ma jxekklux l-istess attivitajiet; u

(k) Ma għandu jiġi permess l-ebda reklamar fl-area tal-konċessjoni għajr *menu board* bil-prezzijiet tas-servizzi mogħtija mill-istabbiliment.

4.2.4. Il-Kunsill qabel li l-punti kollha mressqa għandhom jinġiebu għall-attenzjonti tal-Assoċjazzjoni.

## 4.3.1. Sewqan perikoluż fi Triq in-Naħal (T/3/2/Vol XV)

4.3.2. Saret referenza għal imejl datata 2 ta' Awwissu 2017, mibgħut minn Ms Marica Cutajar fejn appellat sabiex isiru *speed humps* fi Triq in-Naħal, bejn Triq l-Għoljiet u Taraġ il-Baqquniera, wara kolliżżjoni li ġrat fl-istess jum. Ġie rrappurtat li waħda mill-vetturi ħalliet marka tal-brejkijiet ta' 9.5 metri fuq it-triq.

4.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din it-talba tiġi kkunsidrata mill-ġdid, kemm-il darba jiġi stabbilit eżatt il-post propost u jkun hemm il-kunsens tar-residenti.

## 4.4.1. Ipparkjar fi Triq Snajjin (T/3/2/Vol XV)

4.4.2. Saret referenza għal imejl datata 2 ta' Awwissu 2017, mibgħut mis-Sur David Fenech fejn talab lill-Kunsill jikkunsidra mill-ġdid li jintroduċi *parking bays* fi Triq Snajjin qrib il-kantuniera ma' Triq il-Ħasira, fejn m'hemm ebda garaxxijiet fuq iż-żewġ naħat tat-triq.

4.4.3. Fid-dawl tal-fatt li l-ħajt tal-qatgħa mhux mibnija ġie rtirat 'l ġewwa għal mal-linja tal-bini, il-Kunsill qabel li jiġi konċess l-ispazju mitlub.

## 4.5.1. Sewqan perikoluż fi Triq Ta' Taħt l-Irdum (T/3/2/Vol XV)

4.5.2. Saret referenza għal imejl datata 29 ta' Lulju 2017, mibgħut mis-Sur Terry Flatt fejn talab lill-Kunsill jintroduċi tliet settijiet ta' *speed humps* fit-triq imsemmija minħabba li:

- It-triq hija dejqa;
- Tinkoraġġixxi sewqan b'veloċità qawwija;
- Isir ipparkjar fuq naħa waħda tat-triq;
- Bankina teżisti fuq naħa waħda tat-triq; u
- Teżisti kurva fit-triq li ma tħallikx tara t-traffiku li jkun ġej.

4.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehema li konsistentement mal-*policy* dwar dawn il-miżuri, għandu jinġieb il-kunsens tar-residenti l-oħra tat-triq sabiex it-talba tkun tista' tkompli tiġi kkunsidrata.

## 4.6.1. Parteċipazzjoni fil-Queen's Baton (A/5/3/Vol XV)

4.6.2. Saret referenza għal imejl datata 24 ta' Lulju 2017 mibgħut mill-Kumitat Olimpiku Malti, fejn stieden lill-Kunsill sabiex jieħu sehem fl-attività msemmija, li ser tinvolvi diversi lokalitajiet fil-21, 22 u 23 ta' Settembru 2017. Il-KOM stieden lill-Kunsill jieħu sehem flimkien ma' xi għaqda sportiva bbażata fil-lokalità. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li ser issir laqgħa preparatorja fil-21 ta' Awwissu 2017 fil-kwartieri tal-KOM.

4.6.3. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu sehem u għaldaqstant il-Kunsillier H. Fenech ġie nkarigat sabiex jattendi.

## 4.7.1. Revizjoni ta' *bye-laws* dwar ikkampjar u *policy* dwar tisjir fil-berah (B/5/Vol IV)

4.7.2. Saret referenza għal imejl datata 17 ta' Lulju 2017 mibgħut mill-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali, li miegħu ġie mgħoddi l-abbozz tal-*bye-laws* imsemmija skont kif rivedut mill-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali. Ġie spjegat li t-tibdil li sar kien fit-test, li bl-ebda mod ma' affettwa s-sustanza. Dan fil-fatt kien jinvolvi:

- Klawsola li tgħid li l-*bye-laws* iħassru, jirrevokaw u jissosstitwixxu KLBL 37/2/2009;
- Fil-*bye-law* 3.1 u 4.4 tneħħew il-kliem "*gazebo*, jew *caravan*";
- Fil-*bye-law* 4.5 tneħħew il-ħlasijiet kollha stabbiti u minflok żdiedet l-Iskeda Nru. 6 bl-istess ħlasijiet li ffissa l-Kunsill biex saret aktar sempliċi li wieħed jinterpretaha;

4.7.3. Il-Kunsill approva t-tibdil li sar u talab li l-abbozz għandu jiġi mgħoddi lura lill-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali – Gvern Lokali - għall-pubblikazzjoni tal-*bye-laws* fil-Gazzetta tal-Gvern.

## 4.8.1. Latrina pubblika fil-Marfa (L/3/Vol III)

4.8.2. Saret referenza għal ittra datata 12 ta' Lulju 2017 mibgħuta mill-operatur tar-Riviera Resort Hotel fil-Marfa, fejn ilmentaw li ħafna mill-passiġġieri li jkunu ġejjin minn Kemmuna qed jużaw il-faċilitajiet tal-lukanda għaliex ma teżistix latrina pubblika f'dan il-post.

4.8.3. Is-Sindku għarraf li saru rappreżentazzjonijiet mal-Awtorità tat-Turiżmu dwar din il-materja.

## 4.9.1. Faċilità ta' Wi-Fi pubbliku (I/1/3/Vol V)

4.9.2. Sar aċċenn għal imejl datat 12 ta' Lulju 2017 mibgħut minn Ozone Ltd, fejn ipproponew li jintroduċu ħames postijiet fil-lokalità fejn il-pubbliku jkun jista jaċċessa l-internet mingħajr ħlas. Is-servizz ikun jinkludi *branded login* tal-Kunsill, kif ukoll lista' ta' negozji li jixtiequ jabbonaw għar-riklamar bi ħlas. Il-Kunsill ikun mistenni jipprovdi l-elettriku għat-tagħmir meħtieġ, filwaqt li s-siti ndikati huma s-segwenti:

- Qrib il-*ground* ta' Pennellu;
- Il-parti ta' fuq ta' Ġorġ Borg Olivier;
- Il-Bajja tal-Għadira;
- *Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ; u
- Bajja tal-Armier / l-Armier iż-Żgħir.

4.9.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li mhux fil-postijiet kollha ndikati jeżisti arloġġ tal-elettriku f'isem il-Kunsill, jew f'isem xi entità pubblika.

4.9.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jaċċetta l-offerta li saritlu minn Ozone Ltd, billi din tinvolvi titjib fis-servizzi ta' informazzjoni li wieħed isib fil-lokalità. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti fil-minuta 4.9.3., kien hemm qbil li l-postijiet minn fejn jingħata s-servizz għandhom ikunu:

- Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (Ħdejn is-Santwarju);;
- Il-Ġnien tas-Salib;
- Il-Belveder tas-Sur f'Misraħ il-Parroċċa

- Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata;
- Ġnien Ħidmet il-Volontarjat;
- Ġnien il-Kenn Soċjali; u
- Bajja tal-Għadira (Parti ta' Fuq – Għadira *Caravan Site*).

4.9.5. Il-Kunsill innota li l-Kunsill ma jistax jipprovdi elettriku f'dawn il-postijiet:

- Ground Ta' Pennellu;
- Triq Ġorġ Borg Olivier (faċċata tal-HSBC Bank); and
- Bajja tal-Armier.

**4.10.1. *Resilient Community Project*** **(C/3/2/Vol II)**

4.10.2. Saret referenza għal imejl datat 19 ta' Lulju 2017, mibgħut minn SOS Malta fejn appellaw lill-Kunsill jieħu sehem f'dan il-proġett, li essenzjalment jinvolvu koperazzjoni mal-komunità kummerċjali li jwassal għal żvilupp sostenibbli fil-lokalità. Dan huwa ffinanzjat mill-Community Chest Fund. Il-Kunsill tal-Mellieħa ġie ndikat lill-SOS Malta peress li f'Settembru 2011, l-istess Kunsill kien ikkummissjona studju msejjaħ "*Sustaintable Development Plan for the Locality – Mellieħa*". Kemm-il darba l-Kunsill jaċċetta li jieħu sehem, ikun mitlub jiffirma *memorandum of understanding.*

4.10.3. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu sehem.

**4.11.1. Kampanja *"Let's Do It Malta"*** **(T/4/6/Vol III)**

4.11.2. Il-Viċi Sindku D. Vella rrefera għall-appelli li saru fuq il-*media* soċjali, sabiex entitajiet u individwi jieħdu sehem f'din il-kampanja billi jikkontribwixxu għat-tindif ta' postijiet differenti.

4.11.3. Il-Kunsill qabel li għandu jipprovdi *skips*, kif sar fi snin oħra f'inizjattivi meħuda permezz tal-istess kampanja. Il-Kunsillier J. Azzopardi ntalab sabiex jikkordina l-arranġamenti meħtieġa.

**4.12.1. Proġett *"Solidarity in Times of Crises"*** **(P/10/1/Vol IV)**

4.12.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 2 ta' Lulju 2017 fejn saret stedina mill-Muniċipalità ta' Uri f'Sardinja sabiex il-Kunsill tal-Mellieħa jissieħeb fil-proġett imsemmi, illi attwalment qed titħejja l-applikazzjoni għall-finanzjament tiegħu.

4.12.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 4.13.1. SAIL Project **(P/10/1/Vol IV)**

4.13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal stedina li saret mill-Comune di Fiumincino fl-Italja, permezz ta' imejl datat 8 ta' Awwissu 2017. L-istedina tinvolvi parteċipazzjoni fis-Sail Project li saret talba sabiex jiġi ffinanzjat permezz tal-programm tal-Unjoni Ewropea, Europe for Citizens, liema talba ma kienitx ġiet milqugħa. Minkejja dan ser issir applikazzjoni oħra li s-sejħa għaliha tagħlaq fl-1 ta' Settembru 2017.

4.13.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li mhux possibbli jieħu sehem f'dan il-proġett minħabba li huwa mpenjat fuq proġetti oħra.

## 5.1. Akkwist ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 4 ta' Awwissu 2017.

5.3. Il-Kunsillier P. Cutajar għarraf li huwa kien qiegħed jastjeni mid-diskussjoni u sehem fid-deċiżjoni dwar l-*items* 44 u 45 fl-iskeda, skont kif mitlub fl-Artiklu 19 tal-Att XV tal-1993.

5.4. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

**6.1. Ħlasijiet marbuta ma' akkwist ta' Servizzi u Materjal**

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-1 u t-18 ta' Lulju u l-4 ta' Awwissu 2017.

6.3. Tressqet wkoll Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash,* bejn is-7 ta' Lulju u l-4 ta' Awwissu 2017.

6.4. Il-Kunsillier P. Cutajar għarraf reġa' iddikjara li huwa kien qiegħed jastjeni mid-diskussjoni u sehem fid-deċiżjoni dwar il-pagament 138-07-17 fl-iskeda, skont kif provdut fl-Artiklu 19 tal-Att XV tal-1993.

6.5. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fiż-żewġ skedi. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku http://lc.gov.mt/Page.aspx?catid=25&pid=227

**7.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini, illi tgħid:**

***"Billi l-kuntratt li jipprovdi għat-Tindif ta' Toroq Urbani, intemm it-terminu tiegħu;***

***Billi saret sejħa għall-offerti (MLC 2/2017) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (A.L. 255 tal-2009), u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 177 tal-2005), liema offerti ġew evalwati mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni, skont ma' jidher fil-minuti tal-laqgħat tiegħu tal-10 u l-24 ta' Lulju 2017, kif ukoll fir-rapport finali tiegħu mressqa fis-Seduta 80 tat-8 ta' Awwissu 2017; u***

***Billi l-Kunsill ivvota somma fl-Estimi għas-sena 2017, biżżejjed biex tkopri dan is-servizz taħt il-vot 3051;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi iffirmat kuntratt mas-Sur Antoine Fenech illi jipprovdi għas-servizz imsemmi, għal perjodu ta' erba' snin, b'effett mill-1 ta' Settembru 2017, skont il-prezzijiet mogħtija fid-dokument tal-offerta.". (T/4/5/Vol IV)***

7.2. Il-Kunsill approva r-rapport tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u l-mozzjoni għaddiet unanimament wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

**8.1. Tħejjijiet għall-Festi ta' San Ġużepp fil-Manikata u tal-Vitorja fil-Mellieħa (F/2/1/VoII)(F/2/Vol VI)**

8.2. Is-Sindku aċċenna għal-laqgħa li saret fis-7 ta' Awwissu 2017, mal-Pulizija tad-Distrett li għaliha attendew l-Arċipriet tal-Mellieħa, il-Kappillan tal-Manikata u rappreżentanti mill-għaqdiet li huma nvoluti fiż-żewġ festi. Is-Sur J. Buttigieg spjega li apparti l-punti li jiġu diskussi minn sena għal' oħra, din is-sena sar aċċenn li Transport Malta qed tinsisti li ma jitniżżlux passiġġieri fi Triq Lewis Wettinger u f'Dawret il-Mellieħa, minħabba l-perikli li dawn joffru. Issemma wkoll il-fatt li Triq Lewis Wettinger attwalment għandha l-karreġġjata fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Baħar li hija magħluqa minħabba xogħlijiet li għaddejjin fiha tal-Enemalta.

8.3. Is-Sur J. Buttigieg għarraf li in vista ta' dan, għadhom għaddejjin kuntatti li jinvolvu l-Enemalta, Transport Malta, Malta Public Transport.

8.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li qed tittieħed.

**9.1. PA 3337/13 - Sanzjonar ta' titjib li sar fi Sqaq Ħarruba fil-Manikata (D/3/1/Vol V)**

9.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li b'deċiżjoni mogħti mit-Tribunal Ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fl-20 ta' Lulju 2017, l-istess Tribunal iddikjara li l-appell li sar mill-permess PA 3337/13 mhux ammissibbli u għalhekk mhux ser jieħu konjizzjoni ulterjui tiegħu. Dan billi t-talba ta' l-appell ma saritx skont il-liġi.

9.3. Il-Kunsill innota d-dokument u talab li jiġi mgħoddi lill-konsulent legali konċernat sabiex tingħata nterpretazzjoni sħiħa tiegħu.

## 10.1. Tħejjijiet għall-Milied Mellieħi (A/5/3/7)

10.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li Milied Mellieħi jseħħ fuq erbat ijiem fit-23, 24, 27, u 28 ta' Diċembru 2017. Il-ftuħ tiegħu jsir fil-knisja parrokkjali tal-Manikata, filwaqt li f'lejlet il-Milied il-programm jiżvolġi f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa, bil-kant ta' għanjiet tal-Milied u l-purċissjoni bil-Bambin. Il-programm ikompli fis-27 u t-28 ta' Diċembru bi spettakklu fuq il-palk f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

10.3. Hija rreferiet ukoll għaċ-Ċirkulari 5/2017, li permezz tagħha l-Kunsill ġie allokat €6,000 bħala għajnuna finanzjarja biex jiġi organizzat l-*Mellieħa International Music Festival 2017*, fit-2, 3 u 4 ta' Ġunju 2017, li kellu jitħassar minħabba l-Elezzjoni Ġenerali li seħħet f'dawk il-ġranet. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsilliera Brincat Stellini pproponiet li ssir talba lill-bord konċernat fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex is-somma allokata għall-Mellieħa Music Festival tiġi allokata mill-ġdid fuq Milied Mellieħi.

10.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa fil-minuti 10.2 u 10.3.

## 11.1. Inizjattiva- Malta Community Chest Fund (F/4)

11.2. Saret referenza għaċ-Ċirkulari 46/2017 tas-27 ta' Lulju 2017 dwar inizjattivi li qed tipproponi l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill sabiex tgħin lill-Community Chest Fund. Permezz tal-istess ċirkulari, il-Kunsillieri u mpjegati tal-Kunsilli ġew imħajra jikkontribwixxu €2.33 fix-xahar mill-*allowance*/paga tagħhom. Dan jammonta għal €13.98 kull sitt xhur li l-Kunsill jgħaddihom lill-AKL fl-aħħar ta' Novembru, u f'isimhom u l-preżenza tagħhom tingħata donazzjoni lill-MCCF fl-Istrina.

11.3. Fl-istess ċirkulari tħabbar ukoll li l-AKL qed tiddiskuti l-possibiltà li l-Kunsilli Lokali jkunu mħeġġa jorganizzaw attività waħda qrib l-Istrina u l-iktar tliet Kunsilli Lokali li joħorġu b'idejat innovattivi li jsarrfu f'iktar ġbir ta' fondi, jiġu rikonoxxuti f'serata apposta li ssir fil-Palazz tal-President.

11.4. Kien hemm qbil li kull minn jixtieq jikkontribwixxi għandu jikkuntattja lis-Segretarjat tal-Kunsill sabiex isiru l-arranġamenti meħtieġa.

## 12.1. Kolliżżjonijiet fi Triq il-Vitorja ma' Triq il-Mitħna l-Qadima (T/3/2/Vol XIV)

12.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie avviċinat minn resident li joqgħod fil-post indikat, illi tenna l-periklu li huwa evidenti bil-kolliżżjonijiet li qed ikun hemm. Is-Sur J. Buttigieg qal li dan qed jiġri minħabba li xi sewwieqa fi Triq il-Vitorja qed jibqgħu ħerġin għal Triq il-Mitħna l-Qadima, minkejja li hemm sinjali u tabelli STOP.

12.3. Ġiet diskussa l-possibiltà li jsiru *speed humps* fi Triq il-Vitorja, fuq iż-żewġ naħat ta' Triq il-Mitħna l-Qadima. Kien hemm qbil li qabel jittieħed dan il-pass, għandu jinkiseb il-kunsens tar-residenti f'dik il-parti ta' Triq il-Vitorja wara li tiġi studjata mill-ġdid is-sistema tal-*one-ways* fit-toroq tal-madwar. Hekk kif jitfassal pjan sħiħ, għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta għall-approvazzjoni finali.

## 13.1. *Skip* fi Triq l-Armier (D/3/1/Vol V)

13.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna li l-iskip illi tinsab fi Triq l-Armier, bejn Triq Ta' Msid u Triq il-Marfa, għalkemm hija utli, qed tagħti dehera kerha lill-post, partikularment meta tkun waslet biex titbattal. Huwa għaldaqstant ippropona li ssir pjattaforma tal-konkos u jinbena ċint baxx madwarha sabiex ma jkunx hemm tixrid ta' skart.

13.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta sakemm iċ-ċint jinbena minn ġebel rustiku.

## 14.1. Periklu fi Ġnien il-Qigħan (P/2/1)

14.2. Il-Kunsillier J. Gauci ppropona li ssir xatba li tinfetaħ u tingħalaq bil-molla sabiex it-tfal ma joħorġux jiġru minn Ġnien il-Qigħan direttament għal Triq Qasam Barrani.

14.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta, iżda ddeċieda minflok li jkun hemm żewġ *railings* fissi kontra xulxin sabiex minn jgħaddi bejniethom ikollu joħroġ bil-mod. Dawn għandhom ikunu jinqalgħu biex jiddaħħlu vetturi fil-ġnien.

## 15.1. Proġett *"Small Markets at the Heart of the European Economy"* (P/10/25)

15.2. Is-Sindku aċċenna għat-tieni konferenza tal-proġett imsemmi hawn fuq, li seħħet f'Vecpielbalga fil-Latvja, bejn is-26 u l-31 ta' Lulju 2017. Din trattat it-tema *"Impacts of Migration on Neighbouring Markets in Small Communities within the European Union."*. Is-Sur J. Buttigieg qal li huwa ppreżenta paper ippreparata mill-ekonomista Dr G. Cordina, filwaqt li s-Sinjura D. Fenech tat preżentazzjoni dwar il-lokalità. Is-Sinjorina Amy Zammit ippreżentat *paper* oħra dwar l-istess tema.

15.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini fakkret li t-tielet konferenza ser isseħħ f'Cugir fir-Rumanija bejn l-14 u t-18 ta' Settembru 2017 u din ser tittratta t-tema *"Single Market Affecting Small Economies"*.

15.4. Is-Sindku ppropona li d-delegazzjoni tkun komposta mill-Kunsillieri A. Brincat Stellini u J. Gauci, akkumpanjati mill-uffiċjal tal-Kunsill D. Fenech Gambin. Ġie ssuġġerit li jkun hemm rappreżentanti mill-Art Club 2000, flimkien mal-koppja mużiċisti Joe u Alice Grech. Is-Sur J. Buttigieg appella sabiex tingħata konferma bla dewmien, minħabba li dan jaffettwa l-ispiża tal-ivjaġġar.

15.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li approva l-proposta mressqa skont il-minuta 15.4.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fid-9.40 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 28 ta' Awwissu 2017 fis-6.00 pm.

Joħn Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**